dinja kif iddur — għax il-kelma tagħhom għamlitilna qlub ta' ġganti; u intom dik il-kelma — għad li mhux ta' kollha f'dan il-għadd, għax huma bosta — taqrawha iżjed il-quddiem, u taraw jekk għandniex ingemgmu mita t-tmaqdir u ż-żeblieħ lill-*Għaqda* jiġi min-nies tagħna, minn Maltin bħalna, waqt li l-għorrief ta' l-aqwa bliet ta' Barra ifaħħruha u jixtiequ jitfgħuha l-quddiem. M'hemmx li jifhmu M'hemmx li jiftħu għajnejhom? M'hemmx li jifhmu darba għal dejjem fejn irridu naslu u li fi ħsiebna ma tidħol b'xejn il-*Pulitka?*...

## "XINHU L-MALTI SAFI"

Bdan l-isem, il-Għaqda tagħna ħarġet it-taħdita li kien qara s-Sur Nin Cremona, fl-1 ta' marzu li għadda, lil l-imseħbin u lill-ħbieb tagħhom, miġburin fil-*Palazzo de la Salle*. Billi, mita nqrat, jien ma kellix ix-xorti nismagħha, għax kont marid, tistgħu tifhmu malajr kemm fraħt biha, xħin ġiet f'idejja l-kopja li baghtli. Imma l-ferħ kiber wisq iżjed u fawwarli qalbi bil-hena, mita rajt kif is-Sur Cremona, li ħadd, ibda minni, ma jaf il-Malti daqsu, għaraf ifisser ta' Mgħallem x'jiġifieri *Malti safi* u mila bl-ilma ħluq dawk il-boloh li jaħsbuna — jew, għall-qerq ta' rashom, jagħmlu ta' bir-ruħhom jaħsbuna – irridu nagħmlu gwerra lit-Taljan, billi nwarrbu l-kliem kollu ta' dak l-ilsien mill-Malti u nqajmu kliem qadim li miet u ntisa! Jaqraw, jiflu, jiżnu x-xogħol tas-Sur Cremona; u, inbagħad, jekk għandhom ħila, imieruh bil-qawwa tar-raġuni.

Is-Sur Cremona għoġbu *jiddedika* l-ktieb tiegħu lili, għax (qal hu) kont jien li rawwamt u irfajt il-Lsien Malti, kont jien li f'żgħużitu nissilt fih l-imħabba tiegħu. Nizżih-ħajr: ma satâx jatina ġieh akbar: imma din m'hix ħlief tjieba tieghu, għax iż-żerriegħa skond fejn tinxeħet. Tista' taqa' fuq il-blat u ma tinbetx, tista' tiġi qalb il-ħorrieq u l-ħorrieq joħnoqha, tista' ssib art tajba u trodd bil-mijiet! Dan għallmu Kristu. Is-Sur Cremona, mela, għandu jifhem li l-art tajba tiegħu, mhux iż-żerriegħa dgħajfa tiegħi, kienet!

G. M. A.

**Dal-ktieb jinbiegħ 3 soldi minn għand CRITIEN TAL-KOTBA, 3[?] Sda. Reale, il-Belt.**

# IL-GĦERIEN TA' ĦAL-SAFLIENI.

Fuq il-quċċata tar-Raħal il-ġdid, fil-lemin tat-triq li tâti għal Ħal-Luqa, insabu, mal-għoxrin sena ilu, ħafna għerien maqtugħin fil-blat. Is-sur Anġ Psaila, fl-1902, beda jibni d-djar ta' bejn Strada Ħal-Saflieni u Strada Catacombe u f'waqt li kienu jitħaffru xi bjar, infaqa' wieħed minnhom ġewwa għar li ħadd ma kien jaf bih. Billi t-triq kienet ogħla mis-sisien tal-bini, f'dan il-għar inxeħet il-ħaġar u l-laqx kollu li l-bennejja kellhom żejjed, u mita d-djar tlestew qalu lill-Gvern b'dawn il-għerien u l-Gvern xtrahom.

Patri Manwel Magri, il-Ġiżwita, li kien l-aktar wieħed li jifhem f'dak li sar fil-qedem, ġie magħżul biex inaddaf dawn il-għerien u jgħid x'kienu u min għamilhom. Ma laħaqx naddaf kollox, Patri Magri, għax ġie mibgħut Sfaqs għall-missjoni u, fl-1907, miet hemm u miegħu ndifen għerfu u dak li sar jaf fuq il-Għerien ta' Ħal-Saflieni. Miktub fuq dawn il-għerien ma ħalla xejn. Miskin kemm inġabar kmieni Patri Magri! kemm ġid sata' jagħmel aktar milli għamel raġel bħal dak, għaref, ħaddiem, bieżel u mħeġġeġ bin-nar ta' l-imħabba lejn l-art fejn twieled u lejn dak kollu li ħallew warajhom il-ġnus li għammru fiha mill-eqdem żminijiet!

It-tabib Zammit, li kien ħa f'idejh il-ħakma tal-Mużew u tal-ġabra ta' dak kollu li sar qabel żmienna, daħal biex itemm ix-xogħol li kien beda Patri Magri u wara ftit snin il-għerien tnaddfu u ġew miftuħa biex jarawhom in-nies. U fihom x'tara tas-sew!

Mnejn tidħol il-lum ma hix id-daħla ewlenija tal-għerien, għax din ħabtet taħt waħda mid-djar ta' Strada Ħal-Saflieni. Għalhekk inxtrat daqsxejn art u fiha saret spiera u nbena taraġ għal isfel, għax l-ewwel għar li jintlaħaq jiġi mat-30 xiber taħt wiċċ it-triq.

Dawn il-għerien ġew maqtugħa fil-blat bil-għodda taż żnied daqs sitt elef sena ilu.

Id-daħla saret min-naħħa tal-Punent taħt waħda mid-djar ta' Strada Ħal-Saflieni. Barra kien hemm bini b'ħaġar kbir u d-daħla kienet minn ġewwa xriek għoli xi sitt piedi mħaffer fin-nofs. Sew fil-bini ta' Ħal-Tarxien kemm ukoll f'Ħaġar Qîm u fl-Imnajdra daħliet bħal din hemm aktar minn waħda. Minn din id-daħla l-art ġiet imħaffra ħelu ħelu f'ħafna għerien u daħliet u għorof maħduma b'reqqa u sengħa li ma bħalha. Għalxejn